MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru 776/2009

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Mario Gatt
Michelle Gatt nee' Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati Mario Gatt u Michelle Gatt nee' Caruana ta' karta ta' identità numru 137362(M) u 32367(M) rispettivament, akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' April 2009 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi

tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement, ghamlu uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qeghedu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghu jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata;

Lil Mario Gatt wahdu talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' April 2008.

Semghet lill-akkuzati jammettu l-akkuzi f'liema ammissjoni huma baqghu jippersistu anka wara li l-Qorti taghthom hin jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza t-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jipprospettaw reati kontra l-qerq fil-kummerc jew industrija u l-ksur ta’ drittijiet ta’ l-awtur. L-akkuzat Mario Gatt hu mixli wkoll li huwa recidiv.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzati qeghedha tiddeciedi l-kawza billi ssibhom hatja tal-akkuzi rispettivament migjuba kontra taghhom u tikkundannahom:

- in kwantu l-akkuzat Mario Gatt ghall-multa ta’ €500 wara li rat l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(d), 298B, 17, 49 u 50 tal-Kap 9
- in kwantu l-akkuzata Michelle Gatt nee’ Caruana billi mill-fedina penali jirrizulta li dan huwa l-ewwel reat taghha tipprovdi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------